MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1317/2005

**Joseph Farrugia ezercenti l-kummerc fl-isem “Farrugia Enterprises” I.D. 520036(M)**

**Vs**

**Anthony Borg I.D. 530647(M)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) rapprezentanti l-import ta’ *cheque* mahrug mill-konvenut a favur l-attur, li ma giex onorat.

Ra illi l-konvenut Anthony Borg, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-17 t’Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------